MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1666/2001/1

**Rose Mary Shehata**

**vs**

**Avv Dott Victor Scerri u l-PL Hilda Ellul Mercer li gew nominati bhala Kuraturi Deputati b'digriet tas-17 ta' Lulju 2001 biex jirrapprezentaw lill-assenti Mohamed Abdel Samia Shehata**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-registru nhar it-18 ta' Frar 1995, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A'.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li huwa vizzjat fil-mument taz-zwieg b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg;**

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll ghar-raguni illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg skond l-**Artikolu 19(1)(f) ta' l-istess Att Numru XXXVII/1975 Dwar iz-Zwieg.**

Illi l-istess attrici ghalhekk tablet li l-istess konvenut jghid l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-18 ta' Frar, 1995, huwa kien *ab initio* null u bla effett a tenur ta' l-**Artikoli 19(1)(d) a 19(1)(f)** tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 17 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-14 ta’ Jannar 2002 a fol 23 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-attrici taghtihom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol 24 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2002, tal-25 ta’ April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippressjeduta w inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet ta’ 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici tal-1 t’Ottubru 2002 fejn permezz taghha gie prezentat l-affidavit taghha stess (fol 29 sa 33).

Rat il-verbal tal-24 t’Ottubru 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-4 ta’ Dicembru 2002 fejn dehret l-attrici u ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar f’dan l-istadju u tat-3 ta’ Frar 2003 fejn deher Dr Victor Scerri bhala Kuratur Deputat li ddikjara li m’ghandu l-ebda nformazzjoni dwar il-kaz.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Frar 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi fl-affidavit taghha l-**attrici Rose Mary Shehata** qalet is-segwenti:

*“Fil-bidu tas-sena 1994 jien kont miexja hdejn id-dar tieghi l-Gzira u gie fuqi ragel li saqsieni jekk nafx xi hadd li jbiegh l-antikitajiet ghaliex hu xtaq jaghmel xi tip ta' business mieghu. Dan ir-ragel kien jismu Mohamed Abdel Samia. Jien bdejt nghinu u fil-fatt kont nahdem bhala sensara. Wara ftit taz-zmien hu saqsieni biex*

*nizzewgu. Dak iz-zmien kienet ghadha kemm mietet ommi u ma kellix mohh naghmel pjanijiet ta' zwieg.*

*Niftakar illi kemm-il darba Mohamed kien jigi ghalija d-dar bil-karozza tieghu u nohorgu niehdu drink. Mohamed kellu hafna hbieb Egizzjani hawn Malta u jiena gieli anke hrigt fil-kumpanija taghhom. Ahna domna madwar sentejn nohorgu flimkien bhala gharajjes, pero` waqt dawn is-sentejn, Mohamed kien jivvjagga lejn l-Egittu ta' spiss fuq xoghol. Dawn il-vjaggi kienu jdumu cirka hmistax jew ghoxrin gurnata pero` kien hemm okkazjoni fejn kien dam tlett xhur shah l-Egittu.*

*Wara sentjen nohorgu flimkien, Mohamed rega' saqsieni sabiex nizzewgu. Jien kont saqsejtu x'kienet l-intenzjoni tieghu, jigifieri jekk huwa riedx jghix hawn Malta jew l-Egittu. Hu qalli li dan kien jiddependi skond ix-xoghol tieghu. Hu kien ghamilha cara illi meta jmur l-Egittu ghax xoghol, mhux se jehodni mieghu kull darba. Jien iddecidejt li nizzewgu u fil-fatt ahna zzewwigna bir-registru ft-18 ta' Frar, 1995.*

*Wara z-zwieg Mohamed dahal ighix mieghi go dari. Xahar wara ma zzewwigna nqbadt tqila. Niftakar illi fil-bidu tal-hajja mizzewga taghna, kollox kien ward u zghar - konna sifirna jien, ir-ragel u t-tifel taghna Ahmed lejn l-Egittu ghal btala u biex niltaqghu mal-familja ta' zewgi.*

*Nifatakar illi fis-sena 1997 beda l-inkwiet kollu. Indunajt illi Mohamed beda jahbili certi affarijiet. Ghalkemm jien kont ta' spiss insaqsih kif kien sejjer il-business tieghu hu ma kien itini informazzjoni ta' xejn. Il-flus li kien idahhal mix-xoghol jien qatt ma rajthom u ma nafx kemm kien idahhal flus.*

*Darba fost l-ohrajn, Mohamed kien saqsieni sabiex nghinu jiehu loan mill-Bank. Hu kellu bzonn lil xi hadd bhala garanti. Peress li jien kont sid ta' hanut, liema hanut kont nikrih ghand terzi persuni, jiena ghamilt ipoteka fuq dan il-hanut. Fil-bidu, Mohamed kien issellef elfejn lira (Lm2,000) mill-Bank, u ghamel kumpanija li jisimha Alfa Import & Export Construction Ltd.*

*Fin-1998, kelli tifel iehor, u semmejnieh Omar.*

*Wara ftit xhur, Mohamed rega' ha loan iehor ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u fetah hanut tal-hwejjeg fil-Gzira stess. F'dan il-hanut, li kien bil-kera, hu kien impjega zewg tfajliet u kien imur l-Italja u t-Turkija diversi drabi sabiex igib il-hwejjeg. Nghid li l-business f'dan il-hanut ma kienx sejjer hazin.*

*Niftakar illi ftit taz-zmien wara, jien u zewgi Mohamed flimkien maz-zewgt itfal taghna konna ergajna sifirna lejn l-Egittu u konna qeghdin noqghodu ghand il-genituri ta' zewgi u mbaghad wara xahar, morna noqghodu go flat. Sadanittant, Mohamed kien qed jipprova jaghmel arrangamenti sabiex jibda jimporta l-bebbux u l-imhar f'Malta. Wara tlett xhur, jien u t-tfal gejna lura hawn Malta u Mohamed baqa' l-Egittu ghal tlett xhur ohra.*

*Fil-fatt Mohamed kien importa container bebbux u imhar, pero` niftakar illi l-imhar gew konfiskati mid-Dwana u l-bebbux inbiegh. Fl-istess zmien, Mohamed kien ghadu gej u sejjer l-Italja u t-Turkija jgib il-hwejjeg. Niftakar illi minkejja kont nistaqsih kif kien sejjer il-business tieghu, hu qatt ma tani xi nformazzjoni.*

*Matul dan iz-zmien kollu, Mohamed kien itini hamsin lira (Lm50) fil-gimgha u b'dawn il-flus jien kelli nrabbi zewgt itfal u nixtri l-affarijiet kollha tad-dar.*

*Peress li zewgi Mohamed ma ried itini l-ebda informazzjom ta' xejn, u peress li l-manteniment li kien itini beda jonqos hafna, iddecidejt li mmur ghand avukat. Iddecidejt li nibda proceduri ta' separazzjoni minn Mohamed. Jien ridt nissepara pero` Mohamed ma ridx jaccetta l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Hu ried ftehim skond il-kundizzjonijiet tieghu pero` jien ma stajtx naccetthom. Ghalhekk, hu kien gheddidni illi jekk ma naccetax il-kundizzjonijiet tieghu, hu kien se jitlaq minn Malta u jiehu t-tfal mieghu. Ghalhekk jien imbgahad ghamilt il-proceduri necessarji sabiex it-tfal ma jkunux jistghu jhallu Malta.*

*Niftakar illi wara illi ma accettajtx il-kundizzjonijiet tieghu ghas-separazzjoni, zewgi ma baqax itini manteniment u l-hanut tal-hwejjeg li kellu l-Gzira ghalqu. Ghalkemm it-tfal kienu Musulmani, Mohamed ma kienx jehodhom il-Moskea u l-anqas jghallimhom il-Koran u ghalhekk iddecidejt li niehu t-tfal il-Knisja darba fil-gimgha. Mohamed ma riedx illi niehu t-tfal il-Knisja pero` jiena xorta wahda hadthom. Meta zewgi Mohamed sar jaf illi kont qed niehu t-tfal il-Knisja, hu rrabja hafna u kellna diversi argumenti fuq dan il-fatt. Bdejna niggieldu fuq diversi affarijiet. Ma kienx qed itini manteniment u meta ghedtlu sabiex itini lura l-flus li kont selliftu ma riedx. Dan l-inkwiet kompla jikber sakemm darba refa' jdejh fuqi u fuq it-tifel il-kbir.*

*Il-hajja tieghu bdiet tinbidel. Niftakar illi zewgi beda johrog bil-lejl u jidhol lura tard hafna, fit-3.00am u sahansitra anke fl-4.00am. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kien jigi lura fis-sakra. Zewgi beda wkoll imur il-Casino. Jien ma kontx lesta li naccetta dan il-kompartament tieghu. Ghalkemm hu kien jghidli li kien johrog fuq xoghol, dan zgur li ma kienx minnu.*

*Darba fost l-ohrajn zewgi Mohamed kien qalli "Talaq Talaq Talaq" izda ftit minuti wara qalli sabiex nerggha ninsa' kollox. Ftit jiem wara siefer lejn l-Egittu. Kien hallieni wahdi flimkien mat-tfal taghna. Qatt ma cempilli u hallieni bla flus. Wara erba' (4) xhur, zewgi Mohamed cempilli u qalli li kien qieghed jahdem, u li jekk irrid, kien lest jibghatli l-biljetti ta' l-ajru sabiex immorru l-Egittu. Jien ma stajtx naqbad u nhalli kollox u nitlaq lejn l-Egittu flimkien mat-tfal. Saqsejtu sabiex jigi lura ghaliex it-tfal kellhom bzonn lill-missierhom pero` hu, qalli li hu ma setax jigi lura.  Ghamllt cirka sena, u nofs nghix fuq ir-relief.  B'dawn il-flus kelli nrabbi zewgt itfal u nhallas l-ispejjez ta' kuljum.*

*Niftakar illi darba gie d-dar tieghi certu Donald Attard li kien habib ta' zewgi u kien ukoll involut fil-business mieghu. Dan Donald Attard kien qalli illi r-ragel tieghi jixtieq jirranga s-sitwazzjoni mieghi minhabba t-tfal u li*

*kien lest jigi lura hawn Malta. Jien ma ridtx naccetta tali proposta ghaliex kont ili sena u nofs ma nisma' minn ghandu u ghalhekk ma stajtx nafdah. Waqt is-sena, u nofs Ii Mohamed ghamel I-Egittu, shabu Egizzjani gew jghiduli Ii Mohamed kien izzewweg I-Egittu.*

*Fil-fatt bejn Ottubru u Novembru 2002, Mohamed gie lura mill-Egittu. Skuza ruhu, mieghi u qalli Ii kien se jibda jaghtini flus u jirranga I-problemi u d-dejn kollu li kellu. Minn dan il-kliem kollu, ma sar xejn u xorta baqa' gej u sejjer lejn I-Egittu. Niftakar Ii kien ghamel zmien fejn kien itini xi haga zghira tal-flus u nikkallkula illi f'erba' (4) xhur hu kien tani madwar mitejn lira (Lm200).*

*Sirt naf illi zewgi Mohamed kien jimporta I-qarnit hawn Malta ghal Donald Attard. Niftakar illi Donald Attard kien hallas lil Mohamed ghal konsenja ta' qarnit, izda ghalkemm hu kien ghamel il-pagament, din il-konsenja qatt ma waslet.*

*F'Mejju 2002, Mohamed kien qieghed I-Egittu u cempilli u qalli sabiex immur I-Egittu flimkien mat-tfal ghaliex hu ried Ii nghixu flimkien hemmhekk. Kif wasalna I-Egittu sibt lil zewgi jistenna l-ajruport, u saqsejtu jekk kienx izzewweg jew le. Hu ikkonferma dak li kienu, qaluli shabu, li kien izzewweg. Dak il-hin stess jien ghidtlu Ii rrid immur lura Malta izda hu rrifjuta Ii nitlaq. Zewgi qalli Ii kont se noqghod gimgha mal-mara tieghu w imbaghad, dejjem skond hu, naghmlu I-arrangamenti kif konna se nghixu t-tlieta Ii ahna flimkien, jigifieri, jien, Mohamed u I-mara tieghu. Wiehed ma jridx jinsa' Ii f'dan il-hin kollu, kelli zewgt itfal mieghi.*

*Niftakar illi meta wasalna d-dar tieghu zewgi Mohamed laqqani mal-mara tieghu jisimha Henen. Fil-bidu, din Henen kienet tkellimni izda imbaghad bdiet tinjorani kompletament. Niftakar Ii mbgahad jien flimkien mat-tfal tieghi morna nghixu ghand missier zewgi izda kienet inqalghet glieda bejni u missieru ghaliex iien ma ridtx naccetta Ii nghix ma' missieru flimkien mat-tfal, u zewgi jghix ma' mara ohra. F'dan iz-zmien zewgi Mohamed qatt*

*ma gie jarani u l-anqas tani flus. Hassejt li kont qeghda go habs.*

*Wara dan l-argument mal-missier ta' zewgi, jien u t-tfal ergajna morna lura l-flat ta' zewgi u xorta, wahda hu baqa' ma jtinix flus. Zewgi kien qalli illi Henen kienet qed tistenna tarbija minn ghandu.*

*Apparti dan l-inkwiet kollu, il-flat fejn konna qeghdin kien mahmug jintenn, nemus kullimkien, wirdien u gurdien rieqed maghna. Darba fost l-ohrajn jien, zewgi u Henen kellna glieda u wara t-tnejn li huma dahlu f'kamra, sakkruha b'katnazz u baqghu hemmhekk.*

*Matul dan iz-zmien kollu, zewgi Mohamed ma kienx iqatta' zmien mat-tfal. Kien ikun dejjem ma' Henen. Mhux talli li kont bla flus, izda Mohamed kien hadli wkoll arlogg tad-deheb flimkien ma' zewg gizirani tad-deheb. Meta tlajt l-Egittu kont tellajt mieghi mitt dollaru (100$) u erbghin lira Maltin (Lm40).*

*Ma stajtx inkompli nghix f'dawn ic-cirkostanzi. Ma flahtx iktar u ridt nigi lura Malta. Zewgi Mohamed qalli li ma kellux flus sabiex ihallas il-biljetti ta' l-ajru u ghalhekk kelli nistaqsi ghajnuna minghand l-ambaxxata Maltija. F'Gunju 2002, jien flimkien mat-tfal tieghi gejna lura Malta.*

*Sal-gurnata tal-lum Mohamed qatt ma ghamel kuntatt mieghi."*

**(B) KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u dan kif previst fl-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u billi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

*"19 (1) 'B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi ezaminati t-talbiet attrici dwar in-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatment, jinghad li fl-ewwel lok, sabiex jigi kkunsidrat l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-

zwieg taghraf il-*'commitment'* li jikkomporta z-zwieg, u cioe` *'commitment'* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita` li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe` li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kullhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … ... richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita". (**Forum** 1990. Vol. I, part 1, pg. 72).*

Illi l-kuncett tad-*'discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex

mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. … … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."* (**'Il Diritto Canonico Matrimoniale** – ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu

ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi rigward l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** citat mill-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata, dan l-artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (`*colorem habens, substantiam vero nullam'*) kif ukoll dak parzjali ('*colorem habens, substantiam vero alteram'*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna",** 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech",** 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"** (Q.K. - 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912) *"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu

qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.  Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kaz **'Bonnici vs Bonnici'** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.  Il-Qorti f'decizjoni ohra taghha **“Cali vs Dr. Albert S. Grech”** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.  Mbaghad fil-kaz **“Galea vs Walsh”** (P.A.  30 ta’ Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata'.*  Fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A. 14 ta’ Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:- *“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cioe` ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef**

**Stafrace et noe”** (P.A. 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (P.A. – 9 ta’ Ottubru,1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. 30 ta’ Jannar, 1991).

Illi mill-provi prodotti f’din il-kawza jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-partijiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u l-obbligi minnha naxxenti, min-naha tal-attrici peress li jidher li hija accettat is-sitwazzjoni mal-konvenut peress li sempliciment kienet ilha sentejn tohrog mieghu, u bla ebda konsiderazzjoni ta’ xejn dwar is-sentimenti taghha lejh, tant li f’dan l-ghamad li jidher li kellha f’dak iz-zmien fuq ghajnejha, hija lanqas setghet tara d-diffikultajiet kbar li kien ser ikun hemm fuq il-hajja ta’ zewgha, li jidher li kien jaghmel dak kollu li jhoss huwa, bla ebda konsultazzjoni mal-istess attrici; dan apparti l-fatt li jidher car li l-konvenut kellu ideja taz-zwieg li ma hijiex accettata fil-kultura u t-twemmin taghna bhala pajjiz, inkluz l-indossubbilta’ taz-zwieg u l-monogamija.

Illi l-attrici fl-ebda mument ma kienet kapaci tara dan kollu, frott anke tal-infattwazzjoni li kellha lejn il-konvenut, u dan huwa wkoll ikkonfermat minn dak li gara tul ir-relazzjoni taghha mal-istess konvenut, fejn ghal xi hin jidher li accettat li hija tghix f’pajjizu flimkien ma’ mara ohra li huwa jidher li zzewweg skond ir-rit tieghu, wara li nhall skond ir-rit tieghu minn mal-attrici, konxju tal-fatt li skond il-ligi nostrali huwa kien u ghadu fil-fatt, salv ghal dak li ser jinghad f’din id-decizjoni, suppost mizzewweg lill-attrici.

Illi min-naha tal-konvenut jidher li l-kunsens tieghu kien marbut mal-kultura u t-twemmin tieghu, li jeskludu l-indossibbilta` taz-zwieg, tant li meta kien hemm diffikultajiet fl-istess relazzjoni, huwa ghazel li skond ir-rit tar-religjon tieghu, huwa permezz tal-kliem *‘Talaq, Talaq, Talaq’,* itemm ir-relazzjoni tieghu mal-attrici, u mhux biss izda jirrizulta li f’pajjizu zzewweg lil mara ohra, u ried lill-attrici biex tghix maghom.

Illi dawn l-istess fatti jwaslu wkoll biex jinghad li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg mhux biss abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** appena kkonsidrat, izda wkoll taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** peress li jidher li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat peress li eskluda pozittivament elementi essenzjali tal-hajja mizzewga fosthom dik tal-indissobbilita` tal-istess zwieg, u wkoll li r-relazzjoni tigi ristretta ghas-siehba unika li maghha jkun intrabat f’dan l-istitut.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkompatabbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-18 ta' Frar 1995, kien *ab initio* null u bla effett a tenur ta' l-**artikoli 19(1)(d) a 19(1) (f) tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------